**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 60/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-Vs-**

**JOSEPH BORDA**

**Illum, 15 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **JOSEPH BORDA** ta' 48 sena, bin il-mejjet Joseph u Maria Carmela nee Demicoli, imwieled Pieta' fl-20 ta' Mejju 1972, residenti Krypton, 2, Triq Wenzu Gafa, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 231472M li tressaq quddiemha akkużat talli bejn Mejju 2018 u Novembru 2018 kif ukoll fil-ġranet u x-xhur li jiġu immedajtament qabel dan il-perijodu, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:-

**Lil Joseph Borda ta' 48 sena, bin il- mejjet Joseph u Maria Carmela nee Demicoli , imwieled pieta , fil-20 ta' Mejju 1972, u li joqghod Krypton ,2, triq wenzu Gafa, Qormi , detentur tal-karta tal-identita bin- numru 231472M;**

Billi int akkuzat talli bejn Mejju u Novembru tal-2018, kif ukoll fil-granet u x-xhur li jiġu mmadjatament qabel dan il-perjodu, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaga ta' ħaddiehor li kienet ġiet fdata jew ikkunnsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata lilu minħabba professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depositu neċessarju, b' valur li jeċċedi l-ħamest'elef Euro (€5,000), għad-dannu ta' Joseph u Marisa, konjugi Borg, Ryan Borg, u/jew Anthony Persiano;

2. Wettaq frodi b'għemil qarrieqi billi b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann , jew billi wera ħaġa b' oħra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalik jew għal persuni oħra, b' valur li jeċċedi l-ħamest' elef Euro (€5,000), għad-dannu ta' Anthony Persiano u/jew BOV;

3. bi ħsara ta' ħaddiehor għamel xi qliegħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest'elef Euro (€5,000), għad-dannu tal-istess persuni u/jew entitajiet hawn fuq imsemmija;

4. aktar talli, fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku

u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b' tibdil fl- iskrittura kummerċjali jew ta' bank privat. b'falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f' dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati. inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. aktar talli fl-istess dati, ħin lok, u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

6. ukoll talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew raħan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

7. aktar talli bħala uffiċjal bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku sirt ħati ta' reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li timpedixxi;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkomtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' /Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll biex skond dak li hemm mahsub fl-Artikolu 190 ta' Kap 9, f'każ ta' sejbien ta' htija, l-Qorti ghandha tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa minħabba l-fatt li l-imputat kien uffiċjal pubbliku meta wettaq ir-reati li qed jiġi akkuzat bihom.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal- imputat.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-29 ta’ Awwissu 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u cioe`:

Fl-artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 167, 169 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 141, 179, 185, 186, 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 310BA, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-1 ta’ Novembru 2022 jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, jirriżulta illi l-imputat Joseph Borda kien ġie inkarigat bħala *project manager* u bħala uffiċjal dwar is-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol, minn Joseph Borg biex jieħu ħsieb il-proġett ta' kostruzzjoni u żvilupp ta' tliet sulari li kellhom jinbnew fuq l-arja tal-proprjeta' tal-istess Joseph Borg fi Triq Rokku Buhagiar, Qrendi. L-imputat kien qabbad lill-kuntrattur Antonello (Anthony) Persiano biex jagħmel ix-xogħol ta' kostruzzjoni u kien l-intermedjarju bejn il-kuntrattur u s-sidien tal-proġett. Kien jippreżenta lis-sidien għall-ħlas il-kontijiet tax-xogħol tal-kuntrattur u jirċievi wkoll mingħandhom il-pagament relattiv li jkun dovut lill-kuntrattur.

Antonello Persiano kif ukoll il-familja Borg għamlu, individwalment, kwerela lill-Pulizija fejn ġie allegat illi saru jafu li diversi pagamenti li s-sidien kienu għaddew lill-imputat għall-ħlas tal-kontijiet tal-kuntrattur, ma ġewx mgħoddija lill-kuntrattur u l-flus inżammu mill-imputat. Il-kuntrattur irrapporta wkoll allegat falsifikazzjoni mill-imputat tal-firma tiegħu fuq diversi *cheques* meħudin mic-*cheque* book tiegħu ad insaputa tiegħu, u msarrfin mill-kont bankarju tiegħu.

L-imputat qed jiġi mixli b'diversi reati fosthom frodi, falsifikazzjoni u misapproprjazzjoni.

**<u>Reati konnessi mac-*Cheques* ta' Anthony Persiano</u>**

**Antonello (Anthony) Persiano**, il-kuntrattur li kien tqabbad mill-imputat għall-kostruzzjoni tas-sit tal-familja Borg ġewwa l-Qrendi, għamel kwerela lill-Pulizija fit-

30 ta' Jannar 2019[1] fir-rigward ta' għadd ta' *cheques* li allegatament kienu ġew neqsin mic-*cheque book* tiegħu, liema *cheques* huwa skopra li kienu ġew imsarrfin mill-imputat.

Quddiem il-Qorti huwa xehed illi l-imputat kien jgħaddilu x-xogħol u ġieli kien rikeb miegħu jew jistaqsih biex jitfa' l-baskett tiegħu fil-karozza. Kien beda jsib *cheques* neqsin mic-*cheque book* tiegħu bil-mamma mhux mimlija u wara xi xahar, iddeċieda li jmur il-bank biex jitlob rendikont ħalli jivverifika x'*cheques* kienu nħarġu mill-kont tiegħu. Irriżulta li kien hemm diversi *cheques* li kienu nħarġu mic-*cheque book* personali tiegħu li kellhom firma falza għaliex ma ġewx iffirmati u jew miktuba minnu u esebixxa fir-rigward sett tac-*cheque images* relattivi (Dok. AP1).

Xehed illi in segwitu kien ikkonfronta lill-imputat dwar dawn ic-*cheques* allegatament iffalsifikati u kien aċċetta li jħallsu lura ftit ftit l-ammonti kollha li kien sarraf permezz tal-istess *cheques*, u kkonferma li l-imputat kien salda l-ammont kollu għall-ħabta ta' April 2021 jew ftit qabel.

**L-imputat, Joseph Borda**, waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fit-3 ta' Diċembru 2020, stqarr li huwa minnu li huwa kien sarraf ic-*cheques* ta' Anthony Persiano u dan għamlu biex jitħallas ta' xogħol li kien għamel fuq inkarigu ta' Persiano. Sostna li kien hemm numru ta' *cheques* fic-*cheque book* li kienu diga' ffirmati minn Persiano iżda stqarr li kien mela c-*cheques* u sarrafhom mingħajr ma kien għarrfu. Stqarr ukoll li meta Persiano kkonfrontah dwar ic-*cheques*, huwa kien ammetta miegħu li kien sarrafhom biex jitħallas ta' xogħolu u kienu ftiehmu li kellu jroddlu lura l-ammont kollu biex imbagħad Persiano jħallsu bil-mod, kif fil-fatt kien ġara.

Meta xehed quddiem il-Qorti fil-15 ta' Frar 2023, l-imputat ċaħad li huwa qatt iffirma xi *cheques* ta' Anthony Persiano u sostna li huwa għamel ħafna xogħolijiet għal

[1] Dok. RS2, paġna 110 u 111 tal-atti tal-kawża.

Persiano. Meta ġie muri c-*cheques* Dok. JB1[2] l-imputat ikkonferma li kien kitibhom hu iżda qal li ma kienx iffirmahom u tenna jgħid li Persiano kien iżomm ic-*cheque book* iffirmat. Xehed ukoll li dawn ic-*cheques* ma kellhomx x'jaqsmu mal-proġett tal-Qrendi iżda jirrappreżentaw pagamenti li kienu dovuti lilu in konnessjoni ma' proġetti oħrajn li ħadem qabel flimkien ma' Persiano. Ikkonferma li kien radd dawn il-flejjes lura lil Persiano, u żied jgħid illi l-kuntrattur kien reġa' ħallsu lura.

**Joseph Mallia, l-espert kalligrafiku ġudizzjarju**, fit-twettiq tal-inkarigu tiegħu, eżamina l-firem li jidhru fic-*cheque images* ippreżentati minn Anthony Persiano (Dok. AP1) u dawk identiċi ppreżentati minn Joanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc (Dok. JB1), u kkomparahom l-kampjun tal-firma li ġew elevati mill-imputat Joseph Borda. Huwa kkonkluda[3] illi mic-*cheque images* kollha eżaminati minnu, irriżultalu li fis-segwenti *cheques*, ikoll maħruġa għall-ħlas lil 'Joseph Borda', il-firma kif ukoll il-kitba kienu kompatibbli mal-kalligrafija tal-imputat, filwaqt li l-firma m'hijiex kompatibbli mal-firma ta' Anthony Persiano:

*Cheque* bin-numru 20, fis-somma ta' €1,000[4]
*Cheque* bin-numru 33 fis-somma ta' €800[5]
*Cheque* bin-numru 47 fis-somma ta' €2,500[6]
*Cheque* bin-numru 57 fis-somma ta' €2,150[7]
*Cheque* bin-numru 59 fis-somma ta' €680[8], u
*Cheque* bin-numru 60 fis-somma ta' €1,850[9].
(Total €8,980)

---

[2] Minn paġna 78 sa paġna 83 tal-atti proċesswali.
[3] Ara xhieda Joseph Mallia 18 ta' Jannar 2022 u rapport Dok. JM1.
[4] Ara cheque image Dok. JB1 (esebit minn Joanna Bartolo, xhieda tat-30 ta' Settembru 2021), f'paġna 79 tal-atti proċesswali; l-istess bħal Dok. AP1 paġna 49 tal-atti proċesswali.
[5] Ara *cheque image* Dok. JB1, f'paġna 80 tal-atti proċesswali; l-istess bħal Dok. AP1 paġna 50 tal-atti proċesswali.
[6] Ara *cheque image* Dok. JB1, f'paġna 81 tal-atti proċesswali; l-istess bħal Dok. AP1, f'paġna 51 tal-atti proċesswali.
[7] Ara *cheque image* Dok. JB1, f'paġna 83 tal-atti proċesswali; l-istess bħal Dok. AP1, f'paġna 53 tal-atti proċesswali; l-istess bħal Dok. AP1, f'paġna 55 tal-atti proċesswali.
[8] Ara *cheque image* Dok. JB1, f'paġna 82 tal-atti proċesswali; l-istess bħal Dok. AP1, f'paġna 55 tal-atti proċesswali.
[9] Ara *cheque image* Dok. JB1, paġna 78 tal-atti proċesswali; l-istess bħal Dok. AP1 f'paġna 56 tal-atti proċesswali.

Imbagħad, fis-segwenti *cheques*, filwaqt li l-kalligrafija tal-kliem kienet kompatibbli mal-kalligrafija tal-imputat, il-firma kienet kompatibbli mal-firma ta' Anthony Persiano:- *cheque* bin-numru 50 fis-somma ta' €1,510[10] u *cheque* bin-numru 58 fis-somma ta' €161[11]. Il-Qorti tosserva illi dawn iż-żewġ *cheques* Anthony Persiano kkonferma fix-xhieda tiegħu li huwa jaf bihom u kienu nkitbu quddiemu mill-imputat u kien iffirmahom hu stess biex iħallas lil terzi.

Ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni finali illi Joseph Mallia m'għandux il-kwalifiki meħtieġa biex iwettaq perizja tal-kalligrafija u biex jitqies bħala espert in materja. Iżda l-Qorti ma tistax tqis din is-sottomissjoni bis-serjeta' meta d-difiza naqset b'mod assolut milli tlissen, wisq inqas tirreġistra, xi oġġezzjoni għall-ħatra tal-imsemmi espert waqt is-smigħ tal-provi u fil-waqt opportun, u meta naqset ukoll milli taffronta lill-espert bid-dubji tagħha dwar il-kwalifiki akkademiċi tiegħu, bil-mezz tal-kontro-eżami. Mill-atti proċesswali jirriżulta li d-difiża qatt ma talbet biex tressaq lil Joseph Mallia biex jixhed in kontro-eżami u lanqas qatt ikkontestat il-konklużjonijiet raġġunti minnu fir-relazzjoni tiegħu.

Jirriżulta illi s-sitt *cheques* li dwarhom l-espert tal-kalligrafija kkonkluda li l-firma allegatament ta' Anthony Persiano, hija kompatibbli mal-firma tal-imputat, u li lkoll nħarġu mill-kont bankarju bin-numru 40025102134 ta' Anthony Persiano ma' Bank of Valletta p.l.c., ġew intestati lill-imputat Joseph Borda u, skont kif ikkonfermat minn Joanna Bartolo, rappreżentant tal-istess bank, dawn ġew kollha imsarrfin jew ġirati minn persuna li għandha l-karta tal-identita' bin-numru 231472M. Mill-provi proċesswali, senjatament mill-*HRIMS Employee Details Card* esebit minn Janice Aber, rappreżentant tal-*People and Standard Division*, OPM, jirriżulta li n-numru tal-karta tal-identita' 231472M jappartjeni lill-imputat Joseph Borda[12].

---

[10] Dok. AP1, paġna 54 tal-atti proċesswali.
[11] Dok. AP1, paġna 52 tal-atti proċesswali.
[12] Ara wkoll Dok. NB1 (Service and Leave Record Form), u stqarrija tal-imputat kif ukoll fedina penali, li lkoll juru li n-numru tal-karta tal-identita' tal-imputat hu 231472M.

Il-konklużjonijiet tal-espert ġudizzjarju jikkonfortaw pjenament il-verżjoni ta' Anthony Persiano fix-xhieda tiegħu li l-firma tiegħu fuq is-sitt cheques fuq elenkati, kienet falsifikata. Il-Qorti hija moralment konvinta li din il-falsifikazzjoni ġiet imwettaq minn ħadd ħlief l-imputat mhux biss għaliex l-espert ikkonkluda li l-firma hi kompatibbli mal-kampjuni tal-firma u kalligrafija tal-imputat, iżda wkoll għaliex ic-*cheques* ġew intestati lkoll f'isem l-imputat u ġew ukoll imsarrfin ġew ġirati minnu - li jfisser li b'xi mod jew ieħor kien il-benefiċċjarju tal-fondi provenjenti mill-kont bankarju ta' Anthony Persiano, kif del resto ġie ammess mill-imputat innifsu li stqarr ukoll li kien ħallsu lura l-ammonti kollha perċepiti minnu bit-tisrif tac-*cheques*. Il-Qorti ma setgħet tidentifika lil ħadd iktar li seta' wettaq din il-falsifikazzjoni u ma hemm xejn fil-provi proċesswali li jagħti x'jifhem li l-firem fuq ic-*cheques* in diżamina setgħu ġew falsifikati minn terza persuna ad eskluzjoni tal-imputat.

Il-Qorti m'hijiex sejra tagħti piż lill-verżjoni tal-imputat li huwa tħallas lilu nnifsu bic-*cheques* fuq imsemmija għaliex il-flus kien dovut lilu minn Anthony Persiano għal xogħol li kien għamel. Ibda biex jekk l-ammont miksub mill-imputat bit-tisrif tac-*cheques* falsfikati kien tassew dovut lilu, ma jirriżultax li kien hemm xi impediment biex jitlob il-ħlas mingħand id-debitur tiegħu, wisq inqas il-ħtieġa li jiffalsifika l-firma ta' Persiano biex jikseb il-ħlas. Ukoll, jekk l-imputat kellu jieħu mingħand Persiano, il-Qorti tistenna li jipproduċi xi xejra ta' evidenza in sostenn tal-pretensjoni tiegħu, per eżempju xi kont jew fattura, iżda l-imputat ma ressaq ebda prova lanqas biex ifisser f'hiex tikkonsisti din l-pretensjoni tiegħu. Iktar minn hekk, jekk tassew l-imputat kellu jieħu mingħand Persiano, huwa ftit spjegabbli l-fatt li huwa ħallas lura lil Persiano l-flus li irċieva bit-tisrif tac-*cheques* iffalsifikati.

Iktar inspjegabbli, għall-Qorti, hi l-asserzjoni tal-imputat li in segwitu Persiano ħallsu lura bil-mod l-ammont li kien allegatament dovut lilu. Filwaqt li l-imputat naqas imqar iressaq prova tal-pagamenti li suppost irċieva in segwitu mingħand Anthony Persiano b'rimpjazzament tal-ammont li kien kiseb bit-tisrif tac-*cheques* bil-firem foloz, f'kull każ, din l-allegazzjoni, apparti li ma tagħmel ebda sens loġiku, hi miċħuda minn Anthony Persiano nnifsu. Anthony Persiano xehed illi sakemm ġew

istitwiti dawn il-proċeduri, l-imputat kien għadu lanqas ħallsu lura l-ammont sħiħ li kien ħadlu bl-użu tac-*cheques* falsifikati u l-flus li kellu jgħaddilu tal-VAT, u dak iż-żmien, kien għadu qed iħallsu ftit ftit għalkemm kien laħaq raddlu l-ammont kollu dovut ftit wara[13].

Għaldaqstant, il-Qorti hi pjenament konvinta illi l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' falsifikazzjoni ta' sitt *cheques* li jikkostitwixxu dokumenti illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas minn bank, taħt l-artikolu 167 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti tqis ukoll li l-provi juru inkontrovertibbilment li c-*cheques* li eventwalment ġew iffalsifikati u msarrfin mill-imputat, ġew qabel xejn misruqa mill-pussess ta' Anthony Persiano, għaliex mill-provi jirriżulta illi c-*cheques* ittieħdu mill-pussess ta' Persiano kontra l-volonta' tiegħu. Iżda l-Prosekuzzjoni ma xlietux bir-reat ta' serq u għalhekk m'hijiex sejra tinoltra ruħha f'kunsiderazzjonijiet ulterjuri f'din il-materja.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis illi jkun opportun li f'dan l-istadju tistħarreġ il-kwistjoni jekk l-imputat għandux jitqies bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, anke għaliex qed jiġi mixli wkoll taħt l-artikolu 141 tal-Kap. 9.

Nathaniel Bouvet, li xehed in rappreżentanza ta' *People Management Directorate* fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura[14], ikkonferma li l-imputat hu uffiċjal pubbliku u kien beda jaħdem mal-Gvern fl-1992 (Dok. NB1). Dan ġie ulterjorment affermat minn Janice Aber, rappreżentant tal-*People and Standard Division*, OPM, li xehdet illi l-imputat huwa uffiċjal pubbliku u sad-data meta xehdet, 28 ta' Settembru 2022, kien għadu uffiċjal pubbliku[15]. Dan ġie affermat mill-imputat innifsu li fl-

[13] Fir-rigward, l-imputat innifsu esebixxa dokument konsistenti fi screenshot ta' messaġġ donnu minn Anthony Persiano, datat 26 ta' Frar 2021, illi fih jingħad illi l-imputat ħallsu lura l-ammont kollu dovut lilu – Dok. JB18.
[14] Xhieda tal-10 ta' Marzu 2022.
[15] HRIMS Employee Details Card, Dok. JH1.

istqarrija tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2020, iddikjara li kien impjegat fil-kariga ta' *project manager* mad-Direttorat tat-Trasport u Proġetti Kapitali.

Għalhekk, hu ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat, fiż-żmien tal-kommissjoni ta' dan ir-reat, l-imputat kien "*uffiċjal jew impjegat pubbliku*"[16] impjegat speċifikatament bħala *project manager* mis-setgħa eżekuttiva tal-Gvern.

Applikat dan għall-artikolu 168 tal-Kap. 9, fejn il-piena għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-artikolu 167 tal-Kap. 9 għandha tiġi miżjuda bi grad f'każ li l-awtur tar-reat ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku, il-Qorti tosserva illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ma indikax dan l-artikolu. Għalhekk, anke għaliex ma jirriżultax illi dan ir-reat ġie kommess b'abbuż tal-kariga jew impieg uffiċjali tal-imputat, iżda fil-kapaċita' privata tiegħu, il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra tapplika l-piena aggravata taħt l-artikolu 168.

Ikkunsidrat;

L-imputat għandu jinstab ukoll ħati tar-reat taħt l-artikolu 169 tal-Kap. 9 - għaliex mix-xhieda ta' Joanna Bartolo jirriżulta li l-imputat għamel użu mic-*cheques* iffalsifikati ta' Anthony Persiano, biex irċieva s-somma komplessiva ta' €8,980.

L-imputat ġie mixli wkoll taħt l-artikolu 183 u l-artikolu 184 tal-Kap. 9, ċioe' r-reat ta' falsifikazzjoni *inter alia* fil-firem fuq skrittura ta' bank privat u l-użu tad-dokument iffalsifikat. L-imsemmi artikolu 183 jiddisponi li hija ħatja tar-reat:-

"*Kull persuna* ***oħra*** *li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew*

[16] Artikolu 141 tal-Kap. 9

*tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw...*" (emfasi tal-Qorti)

Il-Qorti ma taqbilx li l-imputat jista' jinstab ukoll ħati ta' dan ir-reat in kwantu l-falsifikazzjoni tal-firem fuq iċ-*cheques* imsarrfin kontra l-volonta' u mill-kont bankarju, ta' Anthony Persiano. Dan qed jingħad għaliex kif jirriżulta wkoll min-noti marġinali tal-artikolu 183, dan ir-reat jiġi kommess minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku. Fil-fatt, id-dispożizzjoni legali tibda biex tagħmilha ċar li tapplika biss meta l-aġent tar-reat ikun kull persuna li m'hijiex waħda minn dawk imsemmija fid-dispożizzjonijiet immedjatament preċedenti tal-istess Sub Titolu II, ċioe' l-artikoli 179, 180, 181 u 182 tal-Kodiċi Kriminali, li jittrattaw ir-reat ta' falsifikazzjoni meta dan jiġi kommess sewwasew minn uffiċjal jew impejgat pubbliku. Għalhekk, ir-riferenza għal "*kull persuna oħra*" fl-artikolu 183 tal-Kap. 9 hija riferenza manifesta għal persuna li m'hijiex impjegat jew uffiċjal pubbliku, li jfisser ukoll illi uffiċjal jew impjegat pubbliku ma jistax ikun l-awtur ta' dan ir-reat.

Issa kif diġa' ġie stabbilit iktar qabel, il-Prosekuzzjoni ressqet provi biżżejjed illi l-imputat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati, l-imputat kien uffiċjal pubbliku u għalhekk mhux ser jinstab ħati tar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni.

Iżda, billi l-awtur tar-reat taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9, addebitat fil-ħames imputazzjoni, jista' jkun "*kull persuna*" u mhux biss "*kull persuna oħra*" li ma tkunx uffiċjal jew impjegat pubbliku, l-imputat għandu jinstab ħati illi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 184 tal-Kap. 9[17].

Ikkunsidrat;

---

[17] Sub-Titolu II : '*Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Skritturi Oħra Pubbliċi jew Privati*': l-artikoli ta' qabel l-artikolu 184 (ċioe' l-art. 179 sal-art. 183) jitkellmu fuq att, kitba, skrittura, firem u skritturi kummerċjali jew ta' bank privat. Ara definizzjoni ta' "skrittura", iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bir-reati ta' truffa u frodi nnominat taħt l-artikolu 308 u l-artikolu 309, rispettivament, tal-Kap. 9, reati li jikkriminalizzaw l-użu tal-ingann li jinduċi bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bill-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (****Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis****, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140).*

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qiegħed jikkometti ir-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann permezz ta' kwalifiki foloz jew ismijiet foloz, raġġiri jew artefizji, jew qerq ieħor, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu impjegati biex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għa telf patrimonjali.

In tema intqal[18] illi "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat*". Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza in materja. Per eżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza **Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech** (03.01.1896 – Kollez.XV.350) intqal illi "*quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.*"

Huwa paċifikatament ritenut illi jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'*mise en scene*, ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[19].

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu.

Fir-rigward ingħad:-

"*... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*"[20]

---

[18] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

[19] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

[20] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Applikat dan l-insenjament għall-provi li għandha quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni seħħilha tressaq provi fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9. Hu ppruvat illi l-imputat kiteb lilu nnifsu sitt *cheques* appartenenti lill-kont bankarju ta' Anthony Persiano, iffalsifika l-firma tal-*account holder* fuq l-istess *cheques*, u ppreżentathom lill-bank għall-ħlas. Mill-kumpless tal-provi, jirriżulta wkoll li l-bank, żvijat bil-firma donnu tal-*account holder* Anthony Persiano, ħallas is-somma totali ta' €8,980 lill-imputat.

F'dan kollu l-Qorti tirravviża l-konkorrenza tal-elementi kollha tar-reat ta' truffa fl-egħmil tal-imputat meta ħa kontra l-volonta' ta' Anthony Persiano sitt *cheques* mic-*cheque book* tiegħu, iffalsifika l-firma tal-*account holder* fuq l-istess *cheques*, ippreżenta dawn ic-*cheques* b'firem foloz lill-bank għall-ħlas, u rċieva abbażi ta' dan il-qerq ossia falzita', qligħ konsistenti fil-ħlas ta' fondi mill-kont bankarju ta' Anthony Persiano. F'dan l-egħmil huwa riskontrabbli l-użu ta' mezzi kontra l-liġi u l-użu ta' kwalifiki foloz da parti tal-imputat biex iġiegħel lill-bank jemmen fl-eżistenza ta' kreditu immaġinarju ċioe' li l-*account holder* Anthony Persiano ordna l-ħlas lilu stess tal-flejjes mill-kont bankarju tiegħu. Iktar minn hekk, b'dawn l-azzjonijiet kollha l-imputat għamel qligħ bi ħsara ta' Anthony Persiano, anke għaliex f'kull każ, ma weriex li kellu jedd għall-ħlas tal-ammont li kiseb bil-qerq minnu adoperat.

L-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat minuri ta' frodi nnominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 għaliex dan l-artikolu jiddisponi testwalment li ta' dan ir-reat jista' jinstab ħati min "*jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' qabel ta' dan is-Subtitolu...*" Għalhekk, billi l-imputat qed jinstab ħati tar-reat imsemmi fl-artikolu ta' qabel, ċioe' l-artikolu 308 tal-Kap. 9, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru tlieta taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Madankollu, għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt illi r-reati ta' falsifikazzjoni tal-firem ta' Anthony Persiano fuq ic-*cheques* in diżamina u l-użu tal-istess dokumenti falsifikati, flimkien jikkostitwixxu mezz biex isir ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u għalhekk isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-piena applikabbli fuq sejbien ta' ħtija għall-reati addebitati fit-tieni u s-sitt imputazzjonijiet.

**<u>Reati konnessi mal-ħruġ ta' *invoices*</u>**

**Anthony Persiano** irrapporta wkoll lill-Pulizija fil-kwerela, illi l-imputat Joseph Borda iffalsifika l-firma tiegħu fuq xi *invoices* ossia kontijiet, li wkoll ġew iffalsifikati biex jidhru li nħarġu minnu u mill-kumpannija tiegħu.

Xehed[21] li l-firma li tidher fuq l-*invoice* li ġġib id-data 19 ta' Settembru 2018, liema *invoice* inħarġet lil Ryan Borg għall-ħlas tal-ammont ta' €37,557 (Dok. AP2), m'hijiex tiegħu. Għalkemm xehed li mhux l-ewwel darba li kien talab lill-imputat jippreparalu *invoice* fiż-żmien meta kellu l-kompjuter bil-ħsara, ikkonferma li l-i*nvoice* maħruġa lil Ryan Borg ma kienetx waħda minn dawk li kien talab lill-imputat joħroġlu u qatt ma tah struzzjonijiet biex joħroġ jew jiffirma dan l-*invoice*. Xehed ukoll li huwa kien sar jaf b'dan l-*invoice* meta kien kellem lil Joseph Borg, is-sid tal-proġett tal-Qrendi, fejn l-imputat kien il-*project manager*. Kien mar ikellmu għaliex għalkemm kien irċieva mingħandu l-ħlas tax-xogħolijiet, ma kienx ħallsu l-ammont rappreżentanti l-VAT fis-somma ta' €7,258. Meta mbagħad Joseph Borg qallu li kien ħallas lil Joseph Borda l-ammont kollu inkluż il-VAT, huwa kkonfronta lill-imputat dwar dan u l-imputat kien tah il-flus tal-VAT li kien ġabar mingħand Joseph Borg. L-imputat kien ammetta miegħu wkoll li kien hu li kiteb u ffirma c-*cheques* li ġew imsarrfin ad insaputa tiegħu. Qallu wkoll dan kollu kien seħħ minħabba "*misunderstanding*".

**Anthony Persiano** xehed ukoll li l-*invoice* maħruġ lil Ryan Borg fis-somma ta' €3,900 għall-ħlas ta' kiri ta' scaffolding (Dok. AP3), ma kienx ħarġu hu għalkemm

[21] Xhieda tal-10 ta' Marzu 2022 u tat-13 ta' Settembru 2023.

inħareġ fuq *letterhead* identiku għal-*letterhead* li jużа għan-negozju tiegħu, u l-firma fuq l-*invoice* hija falza filwaqt li n-numru tal-VAT mhux tiegħu.  Ikkonferma li għalkemm Joseph Borg kien qallu li kien ħallas l-ammont ta' €3,900 lill-imputat, huwa ma kienx irċieva din is-somma ta' €3,900 mingħand il-klient għall-kiri u armar tal-iscaffolding.  Huwa kkonfronta lill-imputat dwar dan u kien aċċetta li jħallsu lura u fil-fatt kien tahomlu.

**Joseph Borg** is-sid tal-proġett, min-naħa tiegħu xehed[22] illi hu kien ħallas lill-kuntrattur skont l-*invoices* li kien jgħaddilu l-imputat għall-prezz tax-xogħol tal-kuntrattur u għall-materjal: dawn l-*invoices* kienu joħorġu abbażi tal-kejl tax-xogħol li jkun ittieħed mill-imputat, u kien jinnota li l-prezzijiet ma kienux dejjem skont kif miftiehem.  Il-ħlas tax-xogħol tal-kuntrattur kien isir permezz ta' *cheques* maħruġa f'isem l-imputat jew il-kuntrattur, skont kif kien jidderiġih l-istess imputat, li kien jiddireġih ukoll kif kellu jaqsam l-ammonti f'*cheques* separati.  Dawn ic-*cheques* kien għaddihom lill-imputat, xi ħamsa jew sitta b'kollox, fuq medda ta' madwar sitt xhur[23]. L-imputat kien jiffirma fuq l-invoice "*paid in full*".

Xehed ukoll illi meta l-kuntrattur Antonello Persiano li kien qed jibni l-blokka, avviċinah biex iħallsu l-VAT li kien għadu dovut fuq xogħolu, huwa insista miegħu li kien ħallas kollox u kien urih l-invoices (Dok. JB1, JB2) li kien tah l-imputat biex iħallashom.  Persiano, meta ra dawn l-*invoices*, qallu li kienu foloz u l-firma fuq l-*invoice*, kif ukoll il-*letterhead* u n-numru tal-VAT, ma kienux tiegħu u qallu li ma kien għadu ħareġ l-ebda *invoice*.

**Ryan Borg** u **Marisa Borg**, fix-xhieda tagħhom[24], ikkonfermaw illi huma wkoll kienu preżenti fil-laqgħa li saret mal-kuntrattur, fejn qabblu c-*cheques* li l-imputat kien għadda lill-kuntrattur bħala ħlas għal xogħolu, mac-*cheques* li kien ħareġ missieru u rriżulta li kien hemm diskrepanza ta' ċirka €7,000.  Joseph Borg kif ukoll Marisa Borg xehdu wkoll li waqt din il-laqgħa kienu ċemplu lill-imputat li kien ammetta dak il-ħin

[22] Xhieda tal-1 ta' Marzu 2021, 22 ta' Marzu 2021 u tat-13 ta' Settembru 2023
[23] Ara *cheques* Dok. JB2 u Dok. JB3, esebiti minn Joseph Borg  fit-22 ta' Marzu 2021.
[24] 20 ta' Settembru 2021 u 10 ta' Marzu 2022, rispettivament.

stess li kien irċieva mingħandhom il-flus tal-VAT dovut lill-kuntrattur iżda ma kienx għaddihulu.

Joseph Borg xehed ukoll illi b'kollox, l-ammont li kien ħallas lill-imputat abbażi tal-*invoices* allegatament tal-kuntrattur, liema ammont iżda l-imputat ma kienx għaddih lill-kuntrattur, kien ta' ċirka €20,000. Huwa talab lill-imputat biex iroddlu lura l-flus li ma kienx għadda lill-kuntrattur u kien għamel rapport lill-Pulizija. Wara, meta l-perit ġie biex ikejjel ix-xogħol, kien ħareġ b'kejl differenti minn dak li kien ittieħed mill-imputat.

Ikkonferma wkoll li l-imputat kien ħallas lura kollox sa Lulju 2019 għajr għall-VAT fis-somma ta' ċirka €7,000 li ma kienx ħallas lill-kuntrattur, għaliex l-imputat kien għaddih hu stess direttament lill-kuntrattur. Ikkonferma illi meta kkonfronta lill-imputat li kien tah dokumenti foloz, hu kien qallu li kien hemm "*misunderstanding*" iżda fl-ebda waqt ma sostna li d-dokumenti kienu ġew mingħand il-kuntrattur.

**L-imputat, Joseph Borda** fl-istqarriija tiegħu, fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-falsifikazzjoni tal-*invoices* u l-allegazzjoni ta' Anthony Persiano li huwa kien għaddielu pagament ta' xogħol iżda mingħajr l-ammont dovut bħala VAT minkejja li dan kien irċevih mingħand is-sid tal-proġett, iddikjara li tassew kien żamm il-flus tal-VAT u ma kienx għaddih lill-kuntrattur, iżda dan għaliex Persiano ma kienx għadu tah riċevuta fiskali u għalhekk kien żamm l-ammont rappreżentanti VAT sakemm għaddielu r-riċevuta.

L-imputat ammetta wkoll illi huwa kien ħareġ *invoice* lis-sid tal-proġett bil-*logo* tad-ditta ta' Antonello Persiano u l-firma ta' Persiano fuq dan l-*invoice* kien għamilha huwa stess, biex Persiano jkun jista' jitħallas ta' xogħolu, iżda sostna li Persiano kien jaf li kien iffirma f'ismu u juża l-*logo* tiegħu fuq l-*invoice* għaliex kien tah il-*logo* huwa stess u dejjem ħadmu b'dan il-mod. Ikkonferma wkoll li kien ħallas lil Persiano l-ammonti kollha li dwarhom kien għamel rapport lill-Pulizija.

Meta xehed quddiem il-Qorti[25], l-imputat riafferma illi Anthony Persiano kien awtorizzah juża l-*logo* u l-*letterhead* tiegħu biex jibgħat il-kontijiet u hu kien iżommu infurmat x'qed jagħmel anke permezz ta' *emails.* Xehed ukoll li huwa kien għadda c-*cheques* li kien tah Joseph Borg għall-ħlas tax-xogħol tal-kuntrattur, lil Antonello Persiano, iżda stqarr illi ma kienx għadda lill-kuntrattur il-flus tal-VAT fuq il-kont tax-xogħol tiegħu għaliex ma kienx tah ir-riċevuta fiskali u żgur ma kienx ser jgħaddi l-flus tal-VAT mingħajr riċevuta fiskali. Xehed ukoll li l-pagament li kien għaddielu Joseph Borg kien bla VAT u li kien insista miegħu li l-kont irid jitħallas bil-VAT b'kollox u eventwalment kien tah il-flus tal-VAT. L-imputat baqa' jsostni li meta mar iħallas il-flus tal-VAT lil Persiano, huwa rrifjuta li jirċievi l-VAT u kien għalhekk li kien żamm il-flus għandu. Ikkonferma illi minħabba dan id-diżgwid, Joseph Borg itterminalu l-kariga ta' *project manager*.

Ikkunsidrat;

Illi l-verżjoni tal-imputat illi huwa ma kienx iffalsifika l-firma ta' Anthony Persiano fuq iż-żewġ kontijiet Dok. AP2 u Dok. AP3, tikkozza mal-konklużjonijiet raġġunti mill-espert tal-kalligrafija Joseph Mallia abbażi tal-eżamijiet kalligrafiċi komparattivi li wettaq bejn il-firem li jidhru fid-dokumenti ossia *invoices* Dok. AP2 u Dok. AP3 u l-kampjuni tal-firma tal-imputat Joseph Borda. Iż-żewġ firem fuq l-*invoice* Dok. AP2 (inluż għalhekk il-firma allegatament ta' Anthony Persiano) u l-firma fuq Dok. AP3 allegatament ta' Anthony Persiano, ġew ikkomparati pożittivament mal-firma tal-imputat u huma identiċi mal-punti karatteristiċi identifikati fil-kitba tal-istess imputat.

Fil-fehma tal-Qorti, il-konklużjonijiet tal-espert ġudizzjarju fir-rigward juru illi l-firem fuq iż-żewġ *invoices* allegatament ta' Anthony Persiano, huma kompatibbli pożittivament mal-kampjun tal-firma tal-imputat. Dan ifisser illi għandha mis-sewwa l-verżjoni ta' Anthony Persiano illi l-invoices Dok. AP2 u Dok. AP3 ma nħarġux minnu, ma kienx iffirmahom, u lanqas kien jaf bihom.

---

[25] Xhieda tal-15 ta' Frar 2023.

Iżda l-imputat sostna illi jekk kien iffirma xi kontijiet ta' Anthony Persiano, dan sar fuq struzzjonijiet u bl-approvazzjoni tal-istess kuntrattur u in sostenn ta' din l-asserzjoni, esebita sett ta' korrispondenza elettronika fejn il-kuntrattur kien talbu joħroġlu invoices għan-nom tiegħu u fejn ingħata direzzjoni dwar kif seta' jikseb kopja tal-*logo* tal-kuntrattur għall-użu fil-kontijiet[26].

Madankollu, ma hemm xejn f'din il-korrispondenza li juri illi l-imputat kien awtorizzat mill-kuntrattur jiffalsifika l-firma tiegħu fuq il-kontijiet li jinħarġu għan-nom tiegħu, u ma hemm xejn lanqas li juri li l-imputat kien awtorizzat mill-kuntrattur sabiex joħroġ speċifikatament l-*invoices* Dok. AP2 u Dok. AP3.

Il-Qorti rat l-*invoices* esebiti mill-imputat fix-xhieda tiegħu u tinnota li diversament minn dawk l-*invoices* esebiti minn Antonello Persiano (Dok. AP2 u Dok. AP3), dawn m'humiex iffirmati mill-kuntrattur. Tosserva illi fit-18 ta' Settembru 2018 l-imputat bagħat b'*email* lil Antonello Persiano kopja tal-kont li kellu jintbagħat lill-klient, għall-approvazzjoni tiegħu, filwaqt li l-għada 19 ta' Settembru 2018, l-imputat bagħtlu *email* ieħor (Dok. JB7, paġna 310 tal-atti) biex jgħarrfu li l-kopja tal-*invoice* li ntbagħtet dakinhar stess lill-klient, ġiet approvata. Iżda għalkemm tassew fid-19 ta' Settembru 2018 inħareġ kont għall-ħlas tas-somma ta' €37,557 lill-klient Borg (Dok. AP2), ma hemm xejn x'juri li dan il-kont kien għall-ħlas tal-istess ammont bħal dak li ġie approvat mill-kuntrattur u mhux f'ammont inqas. Huwa minnu li fl-atti ma ġiex prodott l-*invoice* li kien effettivament intbagħat lil Antonello Persiano bl-*email* tad-19 ta' Settembru 2018, biex jintwera li dan kien differenti minn dak li l-imputat għadda lil Joseph Borg, iżda wara li wieżnet ix-xhieda ta' Joseph Borg u Antonello Persiano, **il-Qorti hi pjenament sodisfatta mhux biss illi l-kontijiet Dok. AP2 u Dok. AP3 huma falsifikati u nħarġu ad insaputa tal-kuntrattur, talli hi sodisfatta wkoll li dawn il-kontijiet iffalsifikati nħarġu mill-imputat speċifikatament bil-ħsieb li jikseb hu stess mingħand il-klient il-ħlas ta' ammonti li kienu indikati bħala dovuti lill-kuntrattur li madanakollu, ma kienx jaf bil-ħruġ tal-imsemmija żewġ kontijiet u bil-ħlas li kien sar mill-klient.**

[26] Dok. JB1 u Dok. JB14.

Mill-provi hu stabbilit li l-kont ossia *invoice* datat 19 ta' Settembru 2018 (Dok. JB3/ Dok. AP2) ġie ppreżentat mill-imputat lill-klient tiegħu Joseph Borg għall-pagament u fil-fatt, abbażi ta' dan il-kont iffalsifikat, l-imputat kiseb mingħand Joseph Borg il-pagament totali tal-ammont kollu mitlub, ċioe' €37,557 permezz ta' diversi *cheques* li nħarġu wħud f'isem l-imputat u oħrajn direttament f'isem il-kuntrattur Anthony Persiano[27]. Joseph Borg xehed illi huwa kien joħroġ ic-*cheques* f'isem min kien jindikalu l-imputat, skont l-istruzzjonijiet li kien jagħtih, verżjoni li ma ġiex kontradetta mill-imputat. Fil-fatt, jirriżulta illi s-somma komplessiva li ġiet imħallsa direttament lill-imputat f'ismu, mill-ammont mitlub fil-kont Dok. JB3 (Dok. AP2), hi ta' €18,307, kompriż l-ammont rappreżentanti 18% VAT fis-somma ta' €7,258[28].

L-istess is-somma ta' €3,900 rappreżentanti l-ħlas tal-kiri u armar ta' scaffolding mill-kuntrattur Persiano: din is-somma ġiet imħallsa minn Joseph Borg permezz ta' *cheque* maħruġ fis-7 ta' Awwissu 2018 (Dok. JB3), abbażi tal-kont Dok. JB1 (Dok. AP3) datat 2 ta' Awwissu 2018, liema kont inħareġ mill-imputat li, kif diġa' stabbilit, iffalsifika l-firma ta' Anthony Persiano fuq l-istess kont.

Dan kollu magħdud ifisser li l-imputat, bil-falsifikazzjoni tal-firem tal-kuntrattur Anthony Persiano fuq il-kontijiet Dok. AP2/Dok. JB2 u Dok. AP3/Dok. JB1 li ġew ippreżentati lil Joseph Borg u jew Ryan Borg għall-ħlas tax-xogħol imwettaq mill-kuntrattur, kiseb il-ħlas dovut lill-kuntrattur għan-nom tiegħu meta, kuntrarjament għal dak li ġie indikat fil-kontijiet, l-istess kuntrattur ma kienx effettivament approva l-ħruġ tal-kontijiet u ma kienx jaf lanqas li kienu nħarġu[29].

Iżda l-imputat ma jistax jinstab ħati għall-falsfikazzjoni tal-firem fil-kontijiet in diżamina, taħt l-artikolu 167, għaliex il-falsifikazzjoni ma saritx f'dokumenti li meta

---

[27] Joseph Borg esebixxa kopja tac-*cheques* kollha li ħareġ għall-ħlas lill-imputat u lill-kuntrattu: Dok. JB2 minn paġna 41 sa paġna 45 tal-atti proċesswali.
[28] Ara Dok. JB2, paġna 40 tal-atti proċesswali, b'rendikont tal-invoice datat 19 ta' Settembru 2018.
[29] Mhux hekk biss, talli kif sejjer jirrizulta iktar 'il quddiem, l-imputat żamm għalih is-somma ta' €3,900 rappreżentanti l-ħlas tal-iscaffolding, kif ukoll is-somma ta' €7,258 rappreżentanti l-VAT fuq il-kont Dok. AP2/Dok. JB2.

jiġu preżentati, wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan **minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern**, kif meħtieġ espressament għall-ħtija tar-reat taħt l-imsemmi artikolu 167.

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika wkoll ir-reat taħt l-artikolu 187 tal-Kap. 9. Dan jiddisponi:-

*(1) Kull min, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

*(2) Kull min xjentement jagħmel użu minnha, jeħel l-istess piena.*

L-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 187(1) tal-Kap. 9 għaliex mill-provi jirriżulta illi b'wieħed bil-mezzi msemmija fl-artikolu 179 tal-Kap. 9, ċioe' billi għamel falsifikazzjoni b'firem foloz, iffalsifika skrittura privata konsistenti fil-kontijiet Dok. AP2 u Dok. AP3 liema falsifikazzjoni tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli.

Għalkemm il-Kodiċi ma jagħtix definizzjoni ta' liema dokumenti għandhom jitqiesu bħala skrittura privata, in-nuqqas ta' definizzjoni għall-Qorti jfisser illi t-terminu għandu jingħata interpretazzjoni wiesa' bħala kull dokument li juri l-eżistenza ta' transazzjoni u li ma jeħtieġx l-intervent ta' uffiċjal pubbliku biex jikkostitwixxi evidenza tal-kontenut tiegħu. Għalhekk, m'hemmx dubju f'moħħ il-Qorti illi l-kontijiet Dok. AP2 u Dok. AP3, li jevidenzjaw transazzjonijiet li seħħew bejn il-kreditur u d-debitur bil-għoti u t-twettiq korrispondenti tal-appalt tal-kostruzzjoni u l-armar u kiri tal-iscaffolding, jikkostitwixxu 'skrittura privata' għall-fini tal-artikolu 179.

Dwar l-element tal-ħsara jew utli, il-Prof. Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk:-

"*The 'injury' or 'gain' which the private writing must tend to produce or procure are not specified by law: they are indicated in the most general and comprehensive way, and no distinction is, therefore, permissible to induce exceptions or restrict the meaning. But the injury or gain must be capable of deriving from the legal probative force of the writing: the writing must by itself be capable of causing injury or procuring gain.*"[30]

Applikat dan għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi l-falsifikazzjoni tal-firma ta' Anthony Persiano fil-kontijiet ippreżentati lid-debitur għall-ħlas, kienet maħsuba biex jinduċi u effettivament induċiet lid-debitur jemmen li l-kontijiet inħarġu bl-approvazzjoni tal-kreditur u b'hekk jeffettwa l-ħlas mitlub, u għalhekk, fiha nnifisha kapaċi tagħmel ħsara u tassew għamlet ħsara lil Joseph Borg li ħallas flus lill-imputat ad insaputa tal-kreditur veru. Iktar minn hekk, il-falsifikazzjoni ġabet utili lill-imputat li rċieva l-flus imħallas indebitament b'effett tal-istess falsifikazzjoni.

Għandu jinstab ħati wkoll tar-reat taħt is-subartikolu (2) tal-artikolu 187 tal-Kap. 9 għaliex xjentement għamel użu mill-iskritturi privati msemmija fis-subartikolu ta' qabel.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-imputat iffalsifika l-firma ta' Anthony Persiano fuq il-kontijiet tal-istess kuntrattur għall-ħlas ta' ammonti dovuti lilu fuq xogħol ta' kostruzzjoni, u bis-saħħa tal-istess kontijiet iffalsifikati kiseb il-ħlas li kien dovut lill-kuntrattur, jeħtieġ li tiġi mistħarrġa l-imputazzjoni dwar l-approprjazzjoni bla jedd tal-flus imħallsin lill-imputat minn Joseph Borg.

[30] Notes on Criminal Law, Vol. II p. 200.

L-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni indebita:-

*"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ...*

Imbagħad, taħt l-artikolu 294, dan ir-reat jiġi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-Pulizija kull:

"*..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju."*

Illi għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "*mhuwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan.*"[31]

***Ħlas tal-kont datat 19 ta' Settembru 2019 – Dok. JB2***

Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi mill-ammont mitlub fil-kont Dok. JB3/Dok. AP2, is-somma komplessiva li ġiet imħallsa direttament lill-imputat permezz ta' cheques maħruġin f'ismu fuq struzzjonijiet tiegħu stess, hi ta' €18,307 kompriż l-ammont rappreżentanti 18% VAT fis-somma ta' €7,258[32]. Dan l-ammont *ex admissis* ma ġietx mgħoddija lill-kuntrattur u mill-imsemmi kont Anthony Persiano irċieva biss l-ammont li ġie mħallas bic-*cheques* maħruġa minn Joseph Borg f'isem "*A. Persiano*"[33].

---

[31] 3 **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.
[32] Ara Dok. JB2, paġna 40 tal-atti proċesswali, b'rendikont tal-invoice datat 19 ta' Settembru 2018.
[33] Dok. JB2, *cheque images* f'paġna 42 u paġna 43.

Waqt l-interrogazzjoni l-imputat ammetta wkoll illi huwa ma kienx għadda lil Antonello Persiano l-pagament sħiħ li kien irċieva mingħand Joseph Borg fuq il-kont datat 19 ta' Settembru 2018, għaliex kien hemm xi xogħol li ma kienx sar tajjeb u s-sidien tal-proġett ma kienux sodisfatti. Qal ukoll, u dan xehdha wkoll quddiem il-Qorti, illi l-flus tal-VAT ma kienx għaddihom lill-kuntrattur għaliex ma riedx joħroġlu riċevuta fiskali, iżda mbagħad kien għaddilhomlu.

Da parti tiegħu, Joseph Borg ċaħad fix-xhieda tiegħu illi l-imputat qatt qallu li l-kuntrattur ma riedx joħroġlu riċevuta fiskali jew li kien hemm xi xogħol li ma kienx sar sewwa. Saħaq ukoll li l-imputat ma qallux lanqas illi kien ser iżomm xi pagament sakemm ix-xogħol ħażin jitranġa jew sakemm tinħareġ riċevuta fiskali. Sostna li l-imputat dejjem kien jgħidlu li l-flus li kien qed iħallas fuq il-kontijiet kienu għall-kuntrattur u dejjem qal li l-kuntrattur kien qed jagħmel xogħolu sewwa. Ikkonferma wkoll li ebda parti mill-ammont li huwa ħallas fuq il-kontijiet tal-kuntrattur ma kien dovut lill-imputat għaliex għal xogħolu ta' *project manager* tas-sit, il-ftehim ma' Joseph Borg kien li jitħallas 8% tal-valur totali tal-proġett meta dan jitlesta.

Joseph Borg xehed ukoll illi għalkemm l-imputat dejjem qallu li x-xogħol tal-kostruzzjoni kien sar tajjeb, meta l-perit kien ġie jkejjel kien sab li kien hemm xi xogħol li kien sar mhux skont il-permessi approvati u kien ta struzzjonijiet biex tinqala' l-faċċata tal-ewwel sular kollu. Sostna li kien xogħol l-imputat biex jassigura li l-binja tiġi kostruwita skont il-pjanti approvati iżda huwa kellu ħallas minn butu l-ispejjez kollha biex jitranġa x-xogħol ħażin, inkluż l-ispejjeż biex jissewwew xi ħsarat ikkaġunati fil-proprjeta' tal-ġar. Meta kien qal lill-imputat b'dan, l-imputat kien insista li x-xogħol kien sar sew u qatt ma qallu li ma kienx sodisfatt bix-xogħol tal-kuntrattur. L-imputat kien jilmenta biss li x-xogħol kien qed idum iżda għal dan ma kellux ħtija.

Antonello Persiano wkoll ċaħad fix-xhieda tiegħu illi l-imputat kien ilmenta miegħu li kien hemm xi xogħol ta' kostruzzjoni li ma kienx sar b'mod sodisfaċjenti u x-xogħol

kien waqa' lura u għaldaqstant kien qiegħed iżomm lura xi pagamenti dovuti lilu. Xehed ukoll li lanqas il-klient, Joseph Borg, qatt qallu li ser iżomm xi pagament minħabba dewmien fix-xogħol.

Il-Qorti ma temminx lill-imputat, li ma kienx konsistenti fix-xhieda tiegħu. Mill-provi hu stabbilit li l-flus li tħallsu minn Joseph Borg lill-imputat kienu destinati għall-kuntrattur, iżda ma ġewx mgħoddija lill-kuntrattur u baqgħu għand l-imputat mingħajr ma applikahom għall-iskop li għalih irċevihom. L-imputat jipprova jiġġustifika l-fatt li żamm għandu l-flus tal-VAT għaliex il-kuntrattur ma riedx joħroġlu riċevuta fiskali, iżda din il-verżjoni hi kontradetta mill-istess kuntrattur u minn Joseph Borg li jaqblu fix-xhieda tagħhom li kienu ltaqgħu biex jiddiskutu l-kontijiet wara li l-kuntrattur staqsa lil Borg għaliex ma kienx ħallas il-flus tal-VAT fuq il-kont tiegħu. Il-Qorti tosserva illi effettivament, Joseph Borg kien ħallas lill-imputat il-flus rappreżentanti VAT fis-somma ta' €7,258, permezz ta' *cheque* separat u mhux kontestat illi dan ic-*cheque* inħareġ f'isem l-imputat fuq struzzjonijiet tiegħu stess[34].

Il-Qorti tosserva illi fix-xhieda tiegħu, l-imputat ta raġuni differenti l-għala ma kienx għadda lill-kuntrattur il-flus li ġabar mingħand il-klient u ma reġgħex asserixxa dak minnu mistqarr waqt l-interrogazzjoni, ċioe' li kien hemm xi xogħol li kien sar ħażin mill-kuntrattur. Huwa xehed li fil-bidu tal-proġett kien talab lil Joseph Borg iħallsu ċirka €17,000 jew €18,000 permezz ta' *cheque* bħala '*advanced money*' biex ikun jista' jħallas lill-kuntrattur biex jaħdem, fejn parti mill-fondi kienu jitħallsu bil-quddiem u parti skont il-kejl. Stqarr li ma kienx sar ftehim bil-miktub f'dan is-sens. Fisser ukoll illi huwa kien iħallas lil Persiano meta kien jgħaddilu riċevuti tal-materjal li jkun xtara, liema riċevuti kien jgħaddihom lil Joseph Borg kif ukoll lill-perit biex jivverifikahom. Xehed illi meta Joseph Borg kien avviċinah dwar il-kwistjoni tal-ħlasijiet, talbu biex iħallsu lura l-'*advanced money*' għaliex il-flus ma kienx għaddihom lill-kuntrattur ("*qalli 'ħu paċenzja, dawn il-flus inti ma tajthomlux'*") u qal li għalkemm kien diġa' uża parti minnhom, irranġa ma' Joseph Borg u tah kollox lura.

---

[34] Ara *cheque image* Dok. JB2, paġna 42, *cheque* datat 27.9.2018.

Il-Qorti tqis li x-xhieda tal-imputat illi huwa żamm ammont ta' ċirka €20,000 mis-somma globali imħallas minn Joseph Borg minflok għaddih lill-kuntrattur, għaliex kien jirrappreżenta '*advanced payment*', ukoll ma għandhiex mis-sewwa: din il-verżjoni ġiet miċħuda sija mill-kuntrattur u kif ukoll minn Joseph Borg li fix-xhieda tiegħu afferma li huwa kien iħallas *man mano* skont ix-xogħol eżegwit u mhux bil-quddiem. Fil-fatt, huwa xehed:-

"*Ħallast safejn wasal ix-xogħol ... sa fejn wasal jien ħallast.*"[35]

Inoltre, il-verżjoni dwar l-'*advanced payment*' jidher l-imputat qanqalha biss għall-ewwel darba fix-xhieda tiegħu fejn ikkontradixxa d-dikjarazzjoni tiegħu fl-istqarrija fejn sostna li huwa kien ikejjel ix-xogħol u mbagħad joħroġ il-kont abbażi tal-kejl u tal-lista tal-prezzijiet miftiehma. F'kull każ, il-Qorti tistenna li jekk kien hemm ftehim li l-prezz tax-xogħol tal-kostruzzjoni jitħallas bil-quddiem, dan kien jidher mill-kont li abbażi tiegħu intalab il-ħlas iżda minn eżami ta' dan il-kont jirriżulta li dan inħareġ espressament abbażi ta' xogħolijiet diġa' imkejla: "*Ground/First Floor Level as per BOQ attached"*[36] u *"Interim Payment*"[37].

Ma jirriżultax lanqas li l-flus imħallas lilu minn Joseph Borg l-imputat użah biex iħallas xi kontijiet tal-kuntrattur, materjal jew pagi tal-ħaddiema kif ġie allegat minnu fix-xhieda tiegħu u ma kien hemm xejn li jżomm lill-imputat milli jipproduċi riċevuti jew provi dokumentarji oħrajn biex jagħti xejra ta' kredibbilita' lill-verżjoni tiegħu. Il-Qorti tqis ukoll li jekk tassew l-imputat applika dawn il-fondi għall-ħlas ta' terzi għan-nom tal-kuntrattur, ma kienx jaċċetta li jħallas lura l-ammont kollu mħallas żejjed minn Joseph Borg u effettivament irodd lura dan l-ammont *in toto*. Kemm hu hekk, ix-xhieda kollha huma konkordi illi meta kkonfrontaw lill-imputat dwar il-flejjes li kienu tħallsu lilu fuq il-kont tal-kuntrattur iżda ma ġewx trasmessi lill-kuntrattur, huwa aċċetta li dawn kienu nżammu għandu.

[35] Xhieda tat-13 ta' Settembru 2023, paġna 362 tal-atti proċesswali.
[36] Ara Dok. AP2, paġna 57 tal-atti proċesswali.
[37] Kont JB2, paġna 40 tal-atti tal-kawża.

**Għalhekk, stabbilit li l-flus baqgħu għand l-imputat xhur sħaħ wara li effettivament sarraf ic-*cheques* tal-flus li kienu destinati għall-kuntrattur, minflok għaddihom lill-istess kuntrattur, u kien biss meta ġie konfrontat dwar dan mis-sidien tal-proġett u mill-kuntratur innifsu, li aċċetta li jrodd il-flus lura, il-Qorti ma tistax ma tirravviżax f'dawn l-azzjonijiet tal-imputat l-elementi kostituttivi kollha tar-reat ta' misapproprjazzjoni.**

Iktar minn hekk, jirriżulta li r-reat ġie kommess fil-forma aggravata tiegħu peress li l-flus għaddew għand l-imputat u ġew fdati lilu minħabba sewwasew il-kariga tiegħu ta' *project manager* tal-iżvilupp, imqabbad mis-sidien tal-proġett sewwasew biex jamministra dan il-proġett għan-nom tagħhom. L-imputat innifsu fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti stqarr illi Joseph Borg kien inkarigah bħala *project manager* fil-proġett ta' żvilupp tal-proprjeta' tiegħu fil-Qrendi, u xogħolu kien li jissorvelja x-xogħolijiet u l-pagamenti li jsiru biex jara li kollox isir sew u jkejjel ix-xogħol tal-kuntrattur, u wkoll biex jieħu ħsieb is-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol.

***Ħlas dovut fuq Kont datat 2 ta' Awwissu 2018 – Dok. JB1***

Fir-rigward ir-rapport li sar mis-sidien tal-proġett, Joseph u Marisa konjuġi Borg, li l-imputat ma kienx għadda lil Antonello Persiano s-somma ta' €3,900 dovut fuq kiri ta' *scaffolding*, liema *cheque* inħareġ f'isem l-imputat fis-7 ta' Awwissu 2018[38] abbażi tal-kont datat 2 ta' Awwissu 2018, l-imputat waqt l-interrogazzjoni, stqarr li x-xogħol tal-armar tal-i*scaffolding* ma kienx sar tajjeb u peress li huwa kien inkarigat mis-sidien tal-proġett bħala l-uffiċjal dwar saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol, kien żamm il-pagament sakemm ix-xogħol jitranġa iżda dan ma sarx u l-flus baqgħu għandu.

Iżda l-imputat naqas milli jissostanzja din l-allegazzjoni u naqas ukoll milli jfisser għaliex kien ta struzzjonijiet biex dan l-ammont jitħallas b'*cheque* intestat direttament

[38] Kont Dok. JB1 u cheque image, parti minn Dok. JB2, paġna 45 tal-atti proċesswali.

lilu u mhux lill-kuntrattur[39]. Filwaqt li l-mankanza ta' tisħiħ tal-allegazzjoni tal-imputat inaqqax sostanzjalment il-kredibbilita' tal-verżjoni tiegħu, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputat ammetta fl-istqarrija tiegħu li kien radd il-flus lura lil Joseph Borg wara li kien ikkonfrontah dwarhom, mingħajr ma qal jew xehed f'xi waqt illi huwa raddlu l-flus lura wara li saru xi tiswijiet jew rettifikazzjonijiet fl-istruttura tal-iscaffolding.

Huwa minnu li, kif sewwa ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni finali, Joseph Borg u Antonello Persiano taw verzjonijiet kontradittorji dwar jekk il-ħlas tax-xogħol tal-kuntrattur kienx dejjem isir tramite l-imputat jew kienx isir ukoll direttament bejn il-klient u l-kuntrattur, iżda għall-Qorti din l-inkonsistenza m'hijiex rilevanti wisq inqas determinanti għall-fini tad-deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tal-imputat għar-reati li jinsab mixli dwarhom. Iż-żewġ xiehda jaqblu b'mod sħiħ illi l-imputat qatt ma qalilhom li kien qed iżomm xi pagamenti minn dawk imħallsin mill-klient fuq il-kontijiet tal-kuntrattur għaliex ix-xogħol ma kienx qed isir sew, jew għaliex kien sar xogħol difettuż u qatt ma lmenta magħhom dwar il-kwalita' tax-xogħol jew li ma kienx miexi bil-pass mixtieq.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati li wettaq ir-reat ta' misapproprjazzjoni għad-dannu ta' Anthony Persiano u Joseph Borg, taħt l-artikolu 293 kif ukoll l-artikolu 294 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika li tista' tinsab ħtija wkoll taħt l-artikolu 179 tal-Kap. 9, ir-reat ta' falsifikazzjoni ta' atti minn uffiċjal pubbliku. Madanakollu hu minnufih ovvju għall-Qorti li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat għaliex wieħed mill-elementi kostituttivi tiegħu hu mankanti fil-każ in

---

[39] Cheque image Dok. JB3, paġna 45 tal-atti processwali, cheque datat 7 ta' Awwissu 2018, relatat mal-kont Dok. AP3 u Dok. JB1.

diżamina, ċioe' l-kommissjoni tal-att tal-falsifikazzjoni **fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tal-aġent uffiċjal jew impjegat pubbliku**. Kif diġa' ġie stabbilit, l-imputat ma ffalsifikax il-firem ta' Anthony Persiano fuq ic-cheques u l-invoices tiegħu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu dak iż-żmien bħala *Principal Techical Officer* fi skala disgħa mal-Ministeru għat-Trasport (Dok. NB1[40]), iżda bħala *project manager* imqabbad privatament minn Joseph Borg.

L-Avukat Ġenerali ċċita wkoll l-artikolu 185 u l-artikolu 186 tal-Kap. 9 fin-nota għar-rinviju għall-ġudizzju. Anke hawnhekk iżda, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma kienx qed jaġixxi fil-funzjoni uffiċjali tiegħu meta iffalsifika d-dokumenti fuq imsemmija, u għalhekk, ic-*cheques* u l-kontijiet iffalsifikati minnu ma jammontawx għal dikjarazzjoni jew ċertifikat magħmul jew mogħti fl-eżerċizzju tal-kariga jew l-impieg pubbliku tiegħu. L-imputat kien qed jaġixxi, meta iffalsifika l-firma ta' Anthony Persiano fuq id-dokumenti msemmija, fil-kariga ta' *project manager* f'xogħol privat ikkommissjonat minn persuna privata u għalhekk, il-falsifikazzjoni ma kienx jikkonċerna att li jaqa' fil-parametri tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu. Għalhekk, mhux ser jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 185 u lanqas tar-reat taħt l-artikolu 186 tal-Kap. 9 li jagħmel referenza għad-dokumenti iffalsifikati kif maħsub speċifikatament fl-artikolu minnufih preċedenti, l-artikolu 185 tal-Kap. 9.

## Piena

Illi kif diġa' ġie stabbilit, huwa ppruvat li l-imputat huwa uffiċjal pubbliku. Fil-fatt, ġie mixli taħt l-artikolu 141 tal-Kap. 9. Għalhekk, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk bħala uffiċjal pubbliku l-imputat għandux jinstab ħati taħt l-artikolu appena msemmi li jkun ifisser li l-piena applikabbli għar-reati li jinstab ħati dwarhom tiġi miżjuda mandatorjament bi grad. Kif diġa' ġie stabbilit, l-imputat ma kienx, meta wettaq ir-reati, qed jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' uffiċjal pubbliku u jeżerċita dmirijiet uffiċjali jew marbutin mal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu, iżda kien qed iwettaq xogħol

[40] Paġna 242 tal-atti proċesswali.

privat ta' *project management*, imqabbad mhux mill-Gvern iżda minn persuna privata f'kapaċita' privata.

L-artikolu 141 tal-Kap, 9 jiddisponi:-

"*Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.*"

Madanakollu, l-interpretazzjoni paċifika fil-ġurisprudenza in materja tal-iskop tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni legali hi fis-sens illi l-piena għandha tiġi miżjuda f'kull każ fejn uffiċjal jew impjegat pubbliku jinstab ħati ta' kull reat minbarra r-reati li wieħed mill-elementi materjali kostituttiv tagħhom hu l-karattru ta' uffiċjali jew impjegat pubbliku tal-aġent tar-reat. Korollari ta' dan hu l-fatt illi meta kull reat ieħor minbarra dawk appena msemmija, jiġi mwettaq minn uffiċjal pubbliku li "*kellu jissorvelja biex* (ir-reat) *ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi*", il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kap. 9. Il-Prof. Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk:-

"*Thus, the members of the Police Force whose duty, by law, it is to prevent offences and to provide for their punishment, if they render themselves guilty of* <u>*any*</u> *offence, they cannot escape this aggravation in punishment. Similarly,* ***other public officers in respect of specific offences which they are appointed to prevent or repress****, as for instance, Customs guards or officers in regard to Customs offience. Nor is it necessary to inquire whether the offence is commited by the public officer or servant 'in the discharge of his duties'. This is not required by the law ...*"

Issa mill-provi jirriżulta illi l-imputat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati fis-sena 2018 kien impjegat bħala *Principal Technical Officer* fit-Taqsima tal-Project and Design

Engineering (Works) (Dok. JH1, fol. 270) u kien uffiċjal pubbliku. L-imputat innifsu stqarr waqt l-interrogazzjoni li kien jokkupa l-kariga ta' *project manager* mad-Direttorat tat-Trasport u Proġetti Kapitali.

Għalkemm hu minnu li, kif rajna diġa', ma kienx qed jaġixxi fit-twettiq tar-reati fl-eżerċizzju tad-doveri uffiċjali pubbliċi tiegħu, l-imputat bħala uffiċjal pubbliku fit-Taqsima ta' Project Design Engineering tal-Gvern, kien appuntat sewwasew biex jissorvelja l-proġetti tax-xogħolijiet u jassigura li jsiru sew u skont kif meħtieġ mill-Gvern, inkluż għalhekk li jara illi ma jsirux reati bħal dawk li kkommetta hu stess fil-qasam ta' *project management*. Fi kliem ieħor, ir-reati speċifiċi li qed jinstab ħati dwarhom, ta' falsifikazzjoni, frodi u misapproprjazzjoni, huma tabilħaqq uħud mir-reati li l-imputat bħala impjegat jew uffiċjal pubbliku kien appuntat biex jassigura li ma jitwettqux fit-twettiq ta' proġetti ta' xogħol li jkunu amministrati minnu.

Għaldaqstant, hi l-fehma tal-Qorti li r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati llum ċioe' r-reati taħt l-artikoli 167, 169, 187(1)(2), 293, 284 u 308 (310), tal-Kap. 9, huma reati li jkun fi dmiru jissorvelja li ma jsirux jew jimpedixxi li jsiru, bħala uffiċjal pubbliku impjegat bħala *project manager* mad-Direttorat tal-Project Design Engineering (Works). Għall-Qorti dan ifisser illi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 141 tal-Kap. 9 huma applikabbli fil-każ in diżamina u l-piena għal kull wieħed mir-reati appena msemmija, għandha tiżdied bi grad.

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva wkoll illi ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 337(1) tal-Kap. 9 fil-każ tar-reat ta' frodi li ġie kommess għad-dannu ta' Anthony Persiano, għaliex mhux ippruvat illi l-imputat radd għal kollox il-ħsara kkaġunata bir-reat. Kif rajna, Anthony Persiano ċaħad espressament li l-imputat kien raddlu l-flus kollu lura qabel bdew jitmexxew il-proċeduri u dan hu affermat mill-*screen shot* esebit mill-imputat innifsu Dok. JB18 li huwa datat 26 ta' Frar 2021, fejn ma hemm ebda riferenza għad-data meta Anthony Persiano rċieva l-ħlas sħiħ. Iċ-ċitazzjoni li biha bdew jitmexxew il-proċeduri odjerni ġiet ippreżentata fit-28 ta' Jannar 2021. Għaldaqstant, ma tistax tapplika t-tnaqqis fil-piena kif maħsub fid-

dispożizzjoni legali fuq imsemmija in kwantu għar-reati li ġew kommessi bi ħsara ta' Anthony Persiano.

Madankollu, fil-kalibrazzjoni tal-piena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi qabel illum l-imputat irrifonda lil Anthony Persiano l-ammonti kollha meħudin minnu illegalment u fil-każ ta' Joseph Borg, jirriżulta li l-ammont li ġie approprjat bla jedd ġie rifuż qabel l-inċezzjoni tal-proċeduri odjerni. Sejra għalhekk teroga piena fil-minimum għalkemm tosserva wkoll li l-imputat m'għandux fedina penali netta u diġa' nstab ħati tar-reati ta' frodi u serq.

Dwar ir-reati konnessi mac-*cheques* ta' Anthony Persiano, il-Qorti tosserva illi l-falsifikazzjoni u l-użu tac-*cheques* iffalsifikati kiser iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi u jikkostitwixxi iktar minn reat wieħed, ċioe' r-reat ta' falsifikazzjoni u l-użu magħmul xjentement ta' dokument iffalsifikat taħt l-artikoli 167 u 169 tal-Kap. 9, kif ukoll ir-reat ta' truffa tatħ l-artikolu 308, u għalhekk, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza ta' reati u pieni, għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 bil-piena skont l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 li miżjuda bl-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kap. 9, hija ta' **priġunerija bejn tliet snin sa tnax-il sena**; isibu riskontru id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Isibu riskontru wkoll hawnhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18 dwar ir-reat kontinwat, ċitat ukoll espressament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti hi marbuta tagħti piena karċerarja anke jekk ikollha tapplika l-piena fil-minimum tagħha.

Imbagħad, fir-rigward tar-reati konnessi mal-*invoices* tal-kuntrattur, għandu jingħad illi l-att tal-falsifikazzjoni u l-att tal-użu, xjentement, tal-*invoices* iffalsifikati, flimkien servew bħala mezz għat-twettiq tar-reat ta' approprjazzjoni bla jedd għad-dannu ta' Joseph Borg u għalhekk għandha tingħata l-piena biss tar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 187(1) tal-Kap. 9.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 190 tal-Kap. 9 in linea ta' piena.

L-artikolu 190 tal-Kap. 9 jiddisponi:-

"*Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, il-piena ta' l-interdizzjoni generali perpetwa* ***ghandha dejjem tizdied*** *mal-piena stabbilita ghad-delitt.*" (emfasi tal-Qorti)

Għalkemm dan l-artikolu ma ġiex indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, il-Qorti tqis li ma tistax twarrab id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 190 tal-Kap. 9 fil-każ in diżamina għaliex il-liġi evidentement trid illi din il-piena tiżdied **dejjem u f'kull każ b'mod tassattiv** mal-piena f'każ ta' ħtija għad-delitti ta' falsifikazzjoni magħmula minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi. Fil-fatt, ma ssir ebda distinzjoni f'din id-dispożizzjonijiet legali għall-fini tal-applikazzjoni tal-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa, bejn delitti ta' falsifikazzjoni li jitwettqu mill-ħati li jkun impjegat jew uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu fil-kariga pubblika tiegħu u delitti ta' falsfikazzjoni li jitwettqu mill-istess ħati fejn il-falsifikazzjoni ma jkollha x'taqsam xejn mal-kariga pubblika tiegħu. Għalhekk il-Qorti ma tistax hija stess tagħmel din id-distinzjoni: kieku l-leġislatur ried jeskludi l-applikazzjoni tal-piena stabbilita fl-artikolu 10 tal-Kap. 9 f'każ ta' ħtija għal delitti ta' falsifikazzjoni li jiġu kommessi f'ċirkostanzi bħal dawn imfissra mid-difiża, kien jagħmel eċċezzjoni f'dan is-sens: *ubi lex volti dixit*.

Dan il-ħsieb hu wkoll konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali in materja, fejn f'sentenza tat-2 ta' Ġunju 2005, qalet hekk:-

"*L-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, l-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa ghandha dejjem tizdied mall-piena stabilita ghad-delitt. Dan l-artikolu li*

*jinsab taht l-intestatura "Dispozizzjonijiet Generali li Jghoddu ghal dan it-Titolu" u cioe t-Titolu V li jipprovdi dwar delitti kontra l-fiducja pubblika w li jinkludi tahtu d-dispozizzjonijiet fuq imsemmija li l-appellat ammetta r-rejita' taghhom.*

*Ghalhekk hu car u manifest li l-Ewwel Qorti, ladarba rriskontrat htija taht dawn id-dispozizzjonijiet, kienet marbuta bil-ligi li timponi fuq l-appellat Borg ukoll l-interdizzjoni generali perpetwa atenur tal-artikolu 190. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher pjenament gustifikat u qed jigi milqugh.*"[41]

Dan l-istess ħsieb ġie riaffermat f'sentenza iktar reċenti tal-istess Qorti tal-Appell Kriminali fejn għalkemm fil-każ li kellha quddiemha l-falsifikazzjoni ma ġietx kommessa in konnessjoni max-xogħol tal-ħatja, ġie riskontrat ksur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi Kriminali li hija waħda mid-dispożizzjonijiet li tikkontempla delitt ta' falsifikazzjoni imsemmi fl-artikolu 190 tal-istess Kodiċi, u ġie ritenut:-

"*Dan l-artikolu ma jipprovdi ghall-ebda eccezzjoni. Mela, jekk sar delitt ta' falsifikazzjoni bi ksur ta' xi artikolu kontemplat fit-Titolu V tal-Kodici Kriminali u jekk il-hati jkun ufficjal jew impjegat pubbliku, il-piena msemmija fl-artikolu 190 ghandha tizdied. Fil-kaz in ezami, l-appellanti ammettiet li kkommettiet delitt ta' falsifikazzjoni, kienet impjegata pubblika, u ghalhekk l-interdizzjoni generali perpetwa kellha tigi wkoll applikata.*"[42]

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru tlieta (3) dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tar-reat taħt l-artikolu 179 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta addebitat fir-raba' imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 141, 167, 169, 184, 187(1)[43](2), 190, 293, 294, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil JOSEPH**

[41] **Il-Pulizija v. Richard Vella, Philip Borg**.
[42] **Il-Pulizija v. Maria Speranza Magro,** deċiża 15.9.2010.
[43] Li jagħmel referenza għall-artikolu 179 tal-Kap. 9.

**BORDA ħati tal-ewwel, it-tieni, il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u tikkundannah disgħa u tletin (39) xahar priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas lir-Reġsitratur tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, fis-somma ta' elf mija u tnejn u sebgħin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€1,172.64)[44] fi żmien sitt (6) xhur.**

**Tikkundannah ukoll b'żieda mal-piena ġia' inflitta, għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa taħt l-Artikoli 10 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna għall-fini tal-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li din is-sentenza bil-kundanna għall-interdizzjoni ġenerali tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[44] Rapport Joseph Mallia, Dok. JM1.